MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 115/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Abubaker Mohammed Omar Nasser iben missier u omm mhux maghruf u li joqghod St.Rita's court, Flt 6, Triq il-Ghadam, Birkirkara, imwieled il-Libja, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 33094(A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Abubaker Mohammed Omar Nasser li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Novembru 2012 ghal habta tal-05:15am, gewwa St.Rita's Crt Fl1, Triq il-Ghadam, Qormi, ikkommetta attentat vjolenti kontra l-pudur fuq il-persuna

ta’ Antonella Galea u dana bi ksur ta’l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkometta serq semplici ta’cavetta tal-fond St.Rita’s Crt. Flt1 Triq il-Ghadam, Qormi liema valur tal-istess cavetta mhux izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu ghad-detriment ta’ Tiziana Nasser u/jew persuni ohra (art.284 Kap.9).

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi dahal fil-fond St.Rita’s Crt. Flt 1, Triq il-Ghadam, Birkirkara minghajr permess billi huwa seraq ic-cavetta ta’l-istess fond, liema fond tigi ir-residenza fejn tabita fiha Antonella Galea. (Art.330(b) Kap.9)

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi dahal fil-fond St.Rita’s Crt. Flt 1, Triq il-Ghadam Birkirkara bil-mohbi jew b’qerq iehor, liema fond tigi r-residenza fejn tabita Antonella Galea (Art.339(1)(O) Kap.9)

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tas-06 ta’ Frar 2013 sabiex dana il-kaz jigi itrattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mil-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mil-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi madanakollu l-ewwel akkuza dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur tinneccesita il-kwerela tal-parti offiza

sabiex tirnexxi u dana kif dispost fl-artikolu 544(c) tal-Kodici Kriminali. Illi mix-xhieda tal-parti offiza Antonella Galea jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi hija haffret lill-imputat ghall-akkadut u iddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu. Kwindi fid-dawl ta' dina id-dikjarazzjoni il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront ta'l-istess

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta ghall-kumplament ta'l-akkuzi, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-parti leza, li tigi oht il-mara ta'l-imputat, haffritlu ghal dana l-incident u li anke l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut u fil-fatt huwa stess minn jeddu iddesista mil-azzjonijiet tieghu dak in-nhar ta'l-incident. Il-Qorti tittama illi l-imputat igharaf jeghleb id-diffikultajiet matrimonjali li ghandu u li incidenti simili ma jirrepetux rwiehom.

Ghaldaqstant il-Qorti wra li rat l-artikolu 284, 330 u 339(1)(o) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-ewwel akkuza, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------